**187. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Illi fis-seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 1990 (Ordni Permanenti Nru. 71 (3)(a)), din id- Dikjarazzjoni u x-xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru. 9 - ħin ta' l-interruzzjoni tax- Xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru. 49 - Limiti ta' żmien għad-diskors; u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl- Ordnijiet Permanenti tal- Kamra u Riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew fil-għodu, kif ukoll fil-għaxija, isir biss xogħol tal-Gvern u l- aġġornament ma jitteħidx.

15.11.1989